MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-28 ta' Frar, 2003

Citazzjoni Numru. 2787/1998/1

**Helen Mary Strout f'isimha proprju kif ukoll bhala kuratrici *ad litem* ta' binha minuri Warren Luke**

**Vs**

**Av. Dr. Simon Galea Testaferrata nominat bhala kuratur deputat sabiex jirraprezenta l-assenti Paul Joseph Strout**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attrici *proprio et nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-kontendenti kienu zzewgu fl-1 ta' Mejju 1990, u sussegwentement tweldilhom tifel Warren Luke li llum ghandu erba' snin;

Premess illi l-konvenut Paul Joseph Strout irrenda ruhu hati ta' adulterju, abbandun, sevizzi, mohqrija u eccessi fil-konfront ta' l-attrici u ghalhekk il-hajja konjugali m'ghadhiex aktar possibbli;

Premess illi l-istess konvenut mhux qed jghaddi manteniment ghal martu u ghat-tifel minuri taghhom Warren Luke;

Premess illi l-attrici hi debitament awtorizzata permezz ta' digriet ta' l-Onorabbli Sekond' Awla ta' din il-Qorti ta' l-24 ta' Novembru, 1998 sabiex tipprocedi ghas-separazzjoni personali minn ma' zewgha;

Talbet ghalhekk l-attrici *proprio et nomine* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi htija tal-konvenut;

2. Tassenja lilha l-kustodja tat-tifel taghhom minuri Warren Luke;

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici ghaliha u ghat-tifel imsemmi dik is-somma li joghogobha tiffissa ghall-manteniment taghhom;

4. Tordna l-likwidazzjoni, divizjoni u xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet;

5. Tiddikjara illi d-dar konjugali bl-isem ta' 'Hacienda Del Principio', Tas-Salvatur, l/o Rabat, li l-attrici kienet akkwistat qabel id-data tat-tieg, ghandha tkun id-dar ta' residenza taghha u ta' binha minuri bl-eskluzjoni ta' l-imsemmi konvenut;

6. Tiddikjara l-konvenut dekadut mill-jeddijiet kontemplati fl-Artikolu 48 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta);

Bl-ispejjez kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attrici *proprio et nomine* u l-lista tax-xhieda minnha indikati flimkien ma' l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut *nomine* illi fiha huwa eccepixxa:-

1. Illi huwa, ghalkemm irnexxielu jikkomunika mal-konvenut, ghadu mhuwiex edott mill-fatti, stante li qieghed jistenna risposta minghand l-istess konvenut;

2. Illi in vista tal-premess, huwa jirrizerva li jipprezenta eccezzjonijiet formali fi stadju ulterjuri meta jigi edott mill-fatti;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut *nomine* u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet tas-6 ta' Lulju 1999 li permezz tieghu giet nominata l-Assistent Gudizzjarju Dr. Mariella Gonzi biex tigbor il-provi;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

F'din l-azzjoni ta' separazzjoni l-attrici tressaq bhala bazi ghat-talbiet taghha l-adulterju, abbandun, sevizzi, mohqrija u eccessi ta' zewgha fil-konfront taghha;

Jirrizulta minn dak rikapitulat fl-Affidavit taghha illi hi ltaqghet l-ewwel darba mal-konvenut, cittadin Amerikan, fl-1988. Bdew jiffrekwentaw lil xulxin anke barra minn Malta, u wara li l-konvenut rega' rritorna Malta f'Dicembru 1989 ghamlu xi xhur jikkoabitaw flimkien qabel ma zzewgu fl-1 ta' Mejju 1990;

L-attrici tghid li l-burdati ta' zewgha kienu jvarjaw. Kellu "*depressive moods*", jaghtiha ghax-xorb, u jisforzaha jkollha x'taqsam mieghu. Spiss kellhom argomenti u xenati, u f'dawn l-okkazjonijiet hu kien jimmanifesta atteggjament aggressiv. Dan il-komportament kien anke werieh ma' missieru fl-okkazjoni meta marru jzuru lill-genituri tieghu;

L-attrici tissokta tghid li zewgha kien hali, imaqdar u jgerger tant li bidel diversi impjiegi. Biex tikkuntentah isegwi kors specjalizzat fis-sengha tieghu fl-Istati Uniti bieghet il-flat tal-Qawra;

Fl-24 ta' Mejju 1996 zewgha telaq minn Malta u wara xahar cemplilha biex jinfurmaha li ma kienx ser jirritorna lura. Minn dakinhar ma regax gie lura;

Mill-korrizpondenza tal-konvenuta jirrizulta li dan ghandu relazzjoni ma' mara ohra kif ukoll impjieg bi qligh. Ghalkemm jghid li jirrikonoxxi li ghandu responsabilita` versu ibnu eppure qatt ma vversa l-ebda manteniment ghalih minn meta telaq. Anzi jippretendi li jpaci dan l-obbligu billi jirrinunzja ghad-drittijiet minnu pretizi fuq id-dar matrimonjali. Fond dan parafernali ta' l-attrici;

Fl-isfond tal-fatti maghrufa huwa indiskuss li l-konvenut huwa hati ta' abbandun fit-termini ta' l-Artikolu 41 tal-Kodici Civili. Gie deciz illi mhux kwalunkwe allontanament mill-fond konjugali jikkostitwixxi per se prova ta' l-abbandun volontarju (**Vol. XXXIII P II p 450**). Fil-kaz *de quo* pero` tirrizulta l-intenzjoni ferma u pozittiva fil-konvenut li jitlaq ghal kollox minn Malta u b'hekk jabbanduna lil martu u lil ibnu. Abbandun dan ingustifikat u bla motiv ragjonevoli;

Ma' dan il-motiv ta' l-abbandun hemm akkoppjat ukoll il-fatt ta' l-adulterju koncess u ammess mill-konvenut fl-ittra tieghu datata 29 ta' Frar 2000 mibghuta lil martu (fol. 28);

Sahansitra jikkoncedi wkoll illi l-problema tieghu tax-xorb kienet fattur li holqot tbatija ghal martu u ghal ibnu.

Problema din li f'bosta decizjonijiet il-Qrati taghna rrikonoxxew bhala fost l-elementi li inevitabilment iwasslu ghas-separazzjoni personali, anke ghaliex huwa ferm difficli li tigi ssuperata minn min ihalli lilu nnifsu jintrikeb minnha ("**Genoveffa Magri -vs- Joseph Magri**", Appell, 6 ta' Ottubru 2000);

Gjaladarba din il-Qorti rravvisat li l-konvenut kien responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg ser tghaddi biex tikkonsidra l-aspetti rigwardanti l-kura u l-kustodja, il-manteniment u l-komunjoni ta' l-akkwisti;

Jirrizulta li l-attrici minn mindu telaq zewgha iddedikat ruhha ghat-trobbija ta' binha u terfa'  wehidha, bl-ghajnuna sussidjarja tal-genituri taghha, il-piz ta' din it-tarbija. Huwa ragjonevoli ghalhekk illi fuq l-awtorita` tal-gurisprudenza stabbilita in materja (**Vol. II p 325; Vol. IV p 74; Vol. VIII p 557** fost ohrajn) partikolarment b'rigward "*a cio' che e` piu` utile e vantaggioso all' interesse si morale che fisico*" tat-tifel innifsu, il-kura u l-kustodja tieghu ghandha tkun affidata lill-omm;

Ghal dak li huma drittijiet ta' access il-Qorti ser tirrizerva dawn lill-konvenut fuq talba appozita li jista' jressaq f'kull zmien. Naturalment thossha fid-dover li tissottolinea illi fl-isfond tac-cirkostanzi personali u *de facto* li rrizultawlha mill-provi jkun fl-aqwa vantagg u interess tat-tifel illi dan ma jithalliex johrog mill-gurisdizzjoni Maltija u kull ezercizzju tad-drittijiet ta' access talvolta konferiti jkunu territorjalment limitati ghall-pajjizna;

Kwantu ghall-manteniment il-Qorti hi tal-fehma li l-ebda alimenti ma ghandhom jinghataw lill-attrici ghaliha personali. Fuq il-provi maghrufa jirrizulta li din ghandha potenzjal ta' qligh u  introjtu sufficjenti mill-attivita` lavorattiva taghha. Dan hu konformi mal-kuncett innovattiv introdott xi snin ilu fil-ligi taghna li tqis lill-mizzewgin "shab indaqs fiz-zwieg". Hi ghalhekk ghandha wkoll terfa' l-istess piz ta' responsabilita` bhal zewgha ghal dak li hu manteniment tal-familja u ta' binha. Ghal dak li hu obbligu tal-konvenut versu l-minuri l-Qorti serjra taddotta bhala rata ta' manteniment l-ammont ta' tlieta u

hamsin (53) dollari Amerikani fil-gimgha stabbilit mill-konsulenti legali tal-konvenut fl-Amerika. Ara dokument a fol. 46 tal-process. Naturalment il-provvediment dwaru hu suggett ghal varjabilita` tieghu jekk fil-futur ikun hemm tibdil fic-cirkostanzi kemm dawk ta' l-alimentat kif ukoll dawk ta' l-alimentand;

Dwar l-assi tal-komunjoni ma jirrizutax li nghata bizzejjed taghrif dwarhom, il-valur taghhom, data ta' l-akkwist u nformazzjoni ohra korrelatata. Huma x'inhuma, jezistu fl-opinjoni tal-Qorti, elementi bizzejjed li jiggustifikaw li dawk li jezistu, essenzjalment hwejjeg mobbli biss, ghandhom jigu assenjati lill-attrici. Dan ukoll fl-interess tal-minuri, u in bazi ghas-segwenti konsiderazzjonijiet:-

I. Il-htija indikutibbli tal-konvenut ghat-tkissir irremedjabbli taz-zwieg - dan ghal ragunijiet gravi bizzejjed li jiggustifikaw il-komminazzjonijiet tal-ligi stabbiliti fl-Artikolu 48 tal-Kodici Civili;

II. Il-fatt ta' l-abbandun manifest tal-konvenut mid-dar konjugali u mill-familja u t-tluq definittiv tieghu minn Malta;

III. Il-fatt li ghal numru ta' snin naqas li jipprovdi ghall-manteniment ta' ibnu;

IV. Il-fatt li probabilment l-attrici ser tinkontra diffikulta` biex tirrealizza hlas futur ta' manteniment minghand zewgha. Jew ghallinqas ic-cans ghalihom jidher remot.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' l-Ewwel Talba Attrici u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal htijiet imputabbli lill-konvenut;

Tilqa' t-Tieni Talba u taffida l-kura u l-kustodja ta' l-iben minuri Warren Luke lill-attrici, b'dan li l-Qorti tirrizerva lill-

konvenut id-dritt tieghu ta' access ghall-istess minuri fuq talba *ad hoc* li tkun minnu ntavolata f'appozita azzjoni;

Tilqa' t-Tielet Talba u tiffissa ghall-iben minuri r-rata ta' manteniment fl-ammont ta' tlieta u hamsin (53) dollari Amerikani fil-gimgha;

Tilqa' t-Tielet Talba billi tiddikjara xjolta l-komunjoni ta' l-akkwisti b'dan illi kif fuq inghad u ghar-ragunijiet premessi qed tassenja l-istess assi lill-attrici;

Tilqa' l-Hames Talba kif dedotta u tiddikjara li l-fond konjugali "Hacienda del Principio" Tas-Salvatur, limiti Rabat hi d-dar ta' residenza ta' l-attrici u ta' l-iben minuri, ad eskluzjoni tal-konvenut;

Tilqa' finalment is-Sitt Talba billi tiddikjara li l-konvenut iddekada mill-jeddijiet kontemplati fl-Artikolu 48 tal-Kodici Civili.

L-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------